Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 707/2014

**Elmo Insurance Ltd kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Victoria Margit Meyer** **(appellata)**

**Vs**

**Palumbo (Malta) Shipyards Ltd** **(appellanti)**

4 ta' Novembru, 2016.

1. Is-socjeta attrici konvenuta appellat mis-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tal-20 ta' Frar, 2015 li biha kkundannata thallas lill-attrici s-somma ta' tlett mija u disa' u disghin ewro u tnax-il centezmu (€399.12). Din is-somma kienet originarjament thallset mill-attrici lil Victoria Meyer li kellha l-vettura Toyota numru CBU 901 assigurata maghha.

2. L-aggravji tal-appell huma:

i. Nullita tas-sentenza;

ii. It-Tribunal b'mod gravi mar kontra d-dettami tal-imparzjalita u tal-ekwita skond il-ligi bi pregudizzju ghall-jeddijiet tal-konvenuta.

3. Dwar l-ewwel aggravju, l-fatt li fl-okkju tas-sentenza ma gewx riprodotti l-kliem "kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghom Victoria Margit Meyer" ma twassal ghall-ebda nullita. L-attrici fil-kawza hi Elmo Insurance Limited, u flokkju tas-sentenza hemm isem l-attrici. Fl-okkju tas-sentenza jissemmew min huma l-partijiet, u f'dan il-kaz il-partijiet kollha fil-kawza ssemmew fis-sentenza. Ghalhekk dan l-aggravju hu michud.

4. Dwar it-tieni aggravju minn qari tar-rikors tal-appell hu car li l-ilment tal-konvenuta hu dwar l-apprezzament tal-provi. Huma jsostnu li mill-provi:

*"… ma kien hemm xejn li seta' ragonevolment iwassal lit-Tribunal biex iwarrab b'serenita x-xhieda teknika, preciza u dettaljata li ressqet is-socjeta appellanti. L-ghazla tat-Tribunal li jwarrab tali xhieda teknika sabiex minflok jabbraccja konkluzjoni li skond ix-xjentisti u l-esperti in materja, hija teknikament 'impossibbli' jammonta agir kontra d-dettami tal-imparzjalita u talekwita skont il-ligi bi pregudizzju ghall-jeddijiet tas-socjeta appellanti li huwa l-pern ta' dan l-appell."*

Mis-sentenza hu evidenti li t-Tribunal ikkunsidra l-provi kollha.

Mill-provi rrizulta li:

i. Meta saret il-hsara fil-vettura tal-attrici, Frar 2013, kien qieghed isir grit blasting f'dock numru 6; ii. Meyer xehedet li dakinhar kienet ipparkjat il-vettura taghha fi Triq Wigi Rosato, Cospicua. Kien l-ghada filghodu li fuq il-vettura taghha sabet dak li

ddeskriviet bhala thin sandpaper imwahhal mal-vettura; *"Upon being asked whether I found the covering on my car overnight I would like to state that I do not have a garage so I park my car outside and yes I found it the next day."*

iii. Joseph Vella ta' Michael Debono Limited ra l-vettura ta' Meyer u qal li fuq il-vettura kien hemm, *"… rush biex nispjegah dan ir-rush huwa rush industrijali. Fil-fatt ahna nsehjulu bhala industrial fallouts."*

iv. F'dik l-akkwata kienu qeghdin isiru hafna rapporti mal-pulizija, simili ghal dak li ghamlet Meyer. Is-surgent 1051 Brian Cremona li qal (fol. 23): *"Dan ma kienx l-uniku rapport ta' din ix-xorta li hadt jiena, anzi nghid li kellna madwar tlett mija u hamsin, jiena biss dahhalt tlett mija u hamsin rapport bejn wiehed u iehor fuq sitwazzjoi bhal din ……"*

v. Maria Said, li tghix fi triq ohra, ikkonfermat li matul ix-xahar ta' Frar 2013 fuq il-windscreen sabet materjal li kien qisu sand paper. Kompliet tghid: *"Kif iccekjajt il-body kollu tal-karozza kien qisu sandpaper harxa."*

vi. F'bacir numru 6 kien ilu madwar erbat ijiem ghaddej grit blasting. Skond Joseph Calleja dan il-process kien qieghed isir sabiex il-bastiment inehhulu s-sadid qabel jinzebagh.

Fil-fehma tal-qorti dawn huma kollha ndizji favur il-verzjoni tal-attrici. Sabiex lattrici tirnexxi fit-tezi taghha ma kellhiex bilfors tressaq prova teknika li tikkonferma li l-hsara fuq il-vettura ta' Meyer kien rizultat ta' grit blasting li kienet qeghda taghmel il-konvenuta. Il-qorti tfakkar li fi proceduri ta' din ix-xorta, it-Tribunal *"(b) ghandu jitgharraf b'kull mod li jista' jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-ahjar prova jew dwar xhieda fuq kliema haddiehor jekk ikun sodisfatt li x-xiehda li jkollu quddiemu tkun bizzejjed veritiera li biha jista' jasal biex jaqta l-kaz li jkun qed jittratta."* (artikolu 9(2) tal-Kap. 380).

Hu minnu li l-konvenuta ressqet bhala xhieda lil Robert Cortis li qal li huwa espert dwar il-kwalita' tal-arja, u lil Mario Magri li hu mechanical engineer. Huma taw l-opinjoni li l-hsara ma saritx minhabba l-grit blasting. F'dan ir-rigward:

- **Robert Cortis** qal li ladarba l-particelli minn fuq il-vettura ta' Meyer tnehhew bl-uzu ta' clay bar jfisser li wehlu fuq il-vettura, u ghalhekk ifisser li kienu particelli corrosive. Skond ix-xhud, il-grit li jintuza fil-process ta' grit blasting m'huwiex corrosive. Ix-xhud esprima wkoll il-fehma li l-grit ma jivvjaggax ghal tul ta' distanza. Pero' x-xhud ma qalx x'jigri mill-materjal li jkun qieghed jinqala' minn mal-bastiment permezz ta' dan il-process. Hu fatt maghruf li l-abrasive blasting jiggenera kwantita' kbira ta' trab li jista' jkun fih livell oghli ta' kontaminanti tossici tal-arja. Meta jkun qieghed isir il-blasting, hemm is-surface coating tal-bastiment li jkun qieghed jitnehha u dan fih innifsu jiggenera t-trab.
- **Mario Magri** xehed li l-vettura kienet ipparkjata wisq 'il boghod sabiex il-particelli jaqghu u jehlu fuq il-vettura ta' Meyer. Zied li, *"…. kieku l-karozza kienet ipparkjata aktar vicin jekk dan setax jehel, jiena nispjega illi li kieku*

*kienet thirty (30) meters u l-gun ikun ippuntat lejn il-karozza, allura iva dan seta' jehel."*

Dawn iz-zewg xhieda tal-konvenuta ma qablux, fis-sens li filwaqt li Cortis qal li l-particelli ma jehlux, Magri xehed li l-particelli jistghu jehlu. Dan apparti li hadd minnhom ma ra l-vettura ta' Meyer. Inoltre:-

- Ghalkemm Robert Cortis kien tal-fehma li l-hsara ma saritx mill-grit blasting, pero' min-naha l-ohra qal: "Jiena nispjega illi jekk jiena ddiskrivejt kif isir il-blasting iddiskrivejt kif isir il-blasting u mhux ghax rajtu jsir." Il-qorti ma tifhimx kif seta' jaghti opinjoni dwar id-distanza li jivvjagga t-trab meta hu stess qal li ma rahx isir.
- Ma rrizultax x'expertise dwar grit blasting ghandu l-inginier Mario Magri. Il-fatt li hu mechanical engineer ma jfissirx li ghandu expertise f'dan il-process. Hu stess qal li x-xoghol tieghu kien li, *"... jiehu hsieb hafna fuq maintenance ta' plants, tankijiet tal-fuels tal-gass kif ukoll iz-zebgha taghhom."*
- Hu minnu li Mario Magri qal: *"Jiena rajt jekk setax jigi affettwata n-naha ta' fejn kienet ipparkjata l-vettura. Jiena nixtieq nispjega illi l-vettura kienet ipparkjata wisq 'il boghod biex il-particles jehlu mal-karozza u dan peress illi l-gun ikun direzzjonat lejn il-bastiment u biex il-particles jaghmlu rebound minn fuq il-vapur joghlew u jergghu jinzlu fuq il-karozza, kien teknikament impossibbli."* Pero' x-xhud ma spjegax ghalfejn kien "teknikament impossibbli" li t-tniggis fuq il-vettura ta' Meyer kien mit-trab tal-grit blasting. M'huwiex bizzejjed li jinghad li l-vettura kienet wisq 'il boghod minn fejn kien qieghed isir il-grit blasting. Ibda biex ma rrizultax x'kienet id-distanza, u x-xhud lanqas ma spjega kif wasal ghal konkluzjoni li t-trab ma jivvjaggax ghal certu distanza. Hu veru li x-xhud semma li r-rih, "... ma kienx ta' sahha bizzejjed biex iwassal ghal din ilhsara fil-vettura." izda jibqa' l-fatt li fl-arja kien hemm it-trab talgrit blasting.
- Ma tressqux provi li saru xi testijiet mill-konvenuta sabiex tiddetermina dan ittrab fin li johrog waqt il-grit blasting, kemm jivvjaġġa bogħod. Dan minkejja li jirriżulta li ilu żmien isiru ilmenti minn residenti fl-akwata.
- M'hemmx prova cara li fil-vicinanzi ta' fejn kienet ipparkjata l-vettura ta' Meyer, hemm xi impjant industrijali iehor li jipproduci dak li x-xhud Joseph Vella rrefera ghalih bhala industrial fallout.
- M'hemmx prova li waqt dan il-process is-socjeta konvenuta taghmel uzu minn vacuums industrijali sabiex jingabar it-trab jew ghallinqas inaqqsu.

5. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijet l-argumenti tal-konvenut m'humiex konvincenti. M'hemm l-ebda raguni ghalfejn it-Tribunal kellu bilfors jaddotta l-fehma ta' Cortis u Magri. Ghalkemm il-konvenuta ressqet ukoll bhala xhud lil Joseph Calleja li hu general manager tas-socjeta konvenuta, u qal li hu kwalifikat fil-biologija u kimika u ghandu 27 sena esperjenza fil-qasam marittimu, ix-xhud stess ikkonferma li l-process jipproduci trab fl-arja. Veru wkoll li qal li l-blasting kien qieghed isir fuq

gewwa, pero’ ma ssostanzjax din il-verzjoni bi provi dokumentarji. Dan apparti li f’kull kaz ma jfissirx li t-trab ma sabx ruhu fl-atmosfera.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.